

32003L0079

L 205/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.8.2003

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/79/KE

tat-13 ta' Awissu 2003

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE sabiex tinkludi *Coniothyrium minitans* bħala sostanza attiva

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqiegħid ta' prodotti biex jipproteġu l-pjanti fuq is-suq, kif inhu emendat l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/70/KE(2), u partikolarment l-Artikolu 6⁽¹⁾ tagħha,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 6⁽²⁾ tad-Direttiva 91/414/KEE, l-awtoritajiet Ġermaniżi f'10 ta' Settembru 1997 rċievw applikazzjoni minn *Prophyta GmbH*, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa l-applikant, għall-inklużjoni tas-sostanza attiva *Coniothyrium minitans* fl-Anness I tad-Direttiva. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/676/KE⁽³⁾ ikkonfermat illi d-dokument kien 'kompletat' fis-sens illi jista' jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti, fil-priinċipju, id-data u l-informazzjoni rikjesti minn l-Annessi II u III tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (2) Għal din is-sostanza attiva, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent ġew ivalutati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6(2) u (4) tad-Direttiva 91/414/KEE, għall-użi proposti mill-applicant. L-Istat Membru li huwa r-relatur nominat issottometta rapport abbozzat dwar is-sostanza lill-Kummissjoni fit-13 ta' Marzu 2000.
- (3) Ir-rapport abbozzat kien revedut mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kummissjoni Permanenti tal-*Food Chain* u s-Saħħa ta' l-Annimali. Ir-reviżjoni kienet finalizzata fl-4 ta' Lulju 2003 fil-format tar-rapport revizzjonali għall-*Coniothyrium minitans* tal-Kummissjoni.
- (4) Ir-reviżjoni ma rrivelatx mistoqsijiet jew interessi li rrikjedew konsultazzjoni ma' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel.
- (5) Deher minn diversi eżaminazzjoniet li saru illi l-prodotti li jipproteġu l-pjanti u li jikkontjenu l-*Coniothyrium minitans* jissodisfaw, in ġenerali, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE fid-dawl ta' l-Artikolu 5(3) ta' l-istess, in partikolari rigward l-użijiet li ġew eżaminati u dettaljati fir-rapport revizzjonali tal-Kummissjoni. Huwa għalhekk xieraq li din is-sostanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I, sabiex jiġi żgurat illi fl-Istati Membri kollha, l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti li

jipproteġu l-pjanti u li jikkontjenu din is-sostanza attiva jitgħu jiġu mogħtija skond id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

- (6) Għalkemm il-Prinċipji Uniformi għad iridu jiġu addottati għal micro-organismi, huwa xieraq illi l-Istati Membri japplikaw id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva meta jagħtu l-awtorizzazzjonijiet. Huwa xieraq li jiġi pprovdut ir-rapport revizzjonali finali, iżda l-informazzjoni kunfidenzali fis-sens ta' l-Artikolu 14 tad-Direttiva 91/414/KEE, hija disponibbli jew mqiegħda għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati.
- (7) Wara l-inklużjoni, l-Istati Membri jiġu mogħtija perijodu raġjonevoli sabiex jimplementaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE rigward il-prodotti li jipproteġu l-pjanti u li jikkontjenu l-*Coniothyrium minitans*, u partikolarment biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet proviżjonali eżistenti u, mhux aktar tard minn l-aħħar ta' dan il-perijodu, jittrasformaw dawk l-awtorizzazzjonijiet proviżjonali f'awtorizzazzjonijiet sħaħ, sabiex jemen-dawhom jew jirtirawhom skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (8) Huwa għalhekk xieraq li tiġi emedata d-Direttiva għal dik ir-raġuni.
- (9) Il-miżuri provduti għal din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-*Food Chain* u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri jaddottaw u jippublikaw, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2004, il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex iħarsu din id-Direttiva. Għandhom jgħarrfu fil-pront lill-Kummissjoni bl-istess.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2004.

⁽¹⁾ ĠU L 230, tad-19.8.91, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 184, tat-23.7.3, p. 9.

⁽³⁾ ĠU L 317, 26.ta-11.98, p. 47.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew jkunu akkompanjati b'tali referenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir din ir-riferenza.

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jirvedu l-awtorizzazzjoni għal kull prodott li jipproteġi l-pjanti u li jikkontjeni l-*Coniothyrium minitans* sabiex jiżguraw illi l-kondizzjonijiet relatati ma' din is-sostanza attiva stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE jiġu mħarsa. Fejn hemm bżonn, għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet skond id-Direttiva 91/414/KEE, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2004.

2. Għal kull prodott awtorizzat li jipproteġi l-pjanti u li jikkontjeni l-*Coniothyrium minitans* bħala l-unika sostanza attiva, jew bħala waħda minn aktar sostanzi attivi li kienu kollha elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2004, l-Istati Membri għandhom jergġhu jevalwaw il-prodott fuq il-bażi tad-dokument li jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Anness III ta' l-istess. Fuq il-bażi ta' dik l-

evalwazzjoni, għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfa il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE. Fejn hemm bżonn u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2005, għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni għal kull prodott li jipproteġi l-pjanti li ma jissodisfa il-kondizzjonijiet msemmija.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva qiegħda tiġi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Awissu 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Fl-Anness I il-filiera li ġejja hija miżjuda fl-aħħar tat-tabella.

Nru	Isem, numri ta' identifikazzjoni, komuni	Isem IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Dħul fis-seħħ	Skandenza ta' l-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"71	<i>Coniothyrium minitans</i> Razza CON/M/91-08 (DSM 9660) CIPAC Nru 614	Mhux applikabbli	Għad-dettalji tal-purità u Kontroll ta' produzzjoni ara r-Rapport Reviżjonali	fl-1 ta' Jannar 2004.	fil-31 ta' Diċembru 2013.	Użi għal fungicidju biss jistgħu jiġu awtorizzati. Meta jiġu mogħtija awtorizzazzjonijiet, il-konklużjonijiet tar-rapport reviżjonali fuq il-, u partikolarment Appendiċi I u II ta' l-istess, kif finalizzat fill-Kumitat Permanenti tal-u s-Saħħa ta' l-Annimali fuq 4ta' Lulju 2003 għandu jittieħed in konsiderazzjoni. Fdin il-valutazzjoni komplessiva: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-sigurtà ta' l-operatur u l-ħaddiem sabiex jiżguraw illiil-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri protettivi-xierqa.

⁽¹⁾ Aktar dettalji fuq identità u speċifikazzjonijiet ta' sostanzi attivi huma pprovduti fir-rapport reviżjonali."